MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-31 ta' Awwissu, 2006

Numru. 704/2006

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)
vs

Marvin Lanzon
Jean Paul Magri
Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati fuq imsemmi Eliseo Pavanello, li permezz taghhom huma gew akkuzat talli nhar it-23 ta' Lulju 2005 gewwa Triq il-Kbira San Guzepp Hamrun ghall-habta ta' 12.30 a.m.

1. Volontarjament ikkagunaw l-griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PS 860 Keith Caruana u dan kif iccertifika Dr P Farrugia MD tal-Isptar San Luqa u dan ai termini tal-artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. U aktar talli fl-istess lok, data, u hin u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu

jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u cioe fuq il-persuna ta' PS 860 K Caruana ai termini tal-Artikolu 92, u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. U aktar talli f-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurjaw jew heddew jew ghamlu offizi fuq persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkun qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew jbezzghu fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuni tal-istess ufficjali tal-pulizija imsemmija fl-akkuzi hawn fuq u dan ai termini tal-Artikoli 92 u 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebbew ghall-istess ufficjal pubbliku imsemmi sabiex jingurjaw jew jaghmlu hsara lill-istess ufficjali pubbliku dan ai termini tal-artikolu 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. U aktar talli fl-istess data, lok, hi u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-pulizija jew ma hallewx jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod bla jedd indahlu fl-istess dmirijiet billi ma hallewx lill-membri tal-korp tal-pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassru jew gabu fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija bhala awtorita kienu ghamlu u dan ai termini tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kissru il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan ai termini tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qalu kliem mhux xieraq li jikkonsisti d'dagha u dan ai termini tal-Artikolu 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
8. Il-Qorti giet mitluba ukoll f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmija ufficjali pubblici tal-Korp tal-Pulizija u ta' l-persuni ohra imsemmija kif jidhrilha xieraq skond l-Artikou 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jinstema' bi procedura sommarja u semghet lill-imputati iwiegbu u li ma kellhomx oggezzjoni ghal din il-fini;

Semghet lix-xhieda li tressqu, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet liz-zewg imputati debitament assistiti volontarjament jirregistraw ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom;

Ghalhekk wara li rat l-Artikoli 221, 92, 91, 96, 95, 339(d), 338 (ee), 338 (dd), 338 (bb), 342, 17 u 383 tal-Kap 9 issibhom hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-ufficjal prosekutur iddikjara illi l-imputati ikkoperaw mieghu matul l-investigazzjoni u irregistraw ammissjoni.

Ghalhekk, fil-kaz ta' Marvin Lanzon l-Qorti wara li rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap 9 tikkundannah ghall-prigunerija ta' tmintax il-xahar sospiza ghal tlett snin millum u fil-kaz ta' Jean Paul Magri illi ghandu fedina penali anqas facli minn dik tal-imputat Lanzon, ghal prigunerija ta' sentejn sospiza ghal erba' snin millum. Fil-kaz tal-imputat Jean Paul Magri il-Qorti qeghda taghmel ukoll ordni ta' supervizjoni li permezz taghha tqieghed lil Magri taht is-supervizzjoni tal-ufficjal sorveljanti Marietta Lanzon ghall-perjodu ta' erba' snin millum, ai termini tal-Artikolu 28 F tal-Kap. 9. Il-Qorti tordna illi kopja ta' din l-ordni tigi minnufih notifikata lil Marietta Lanzon.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi spjegat lill-hatja bir-responsabilitajiet rispettivi taghhom ghal dawn is-sentenzi kif tiddikjara il-Ligi.

Inoltre, il-Qorti torbot lill-hatja b'obbligazzjoni taghhom innifishom taht penali ta' multa ta' LM 100 ghal tnax il-xahar millum milli b'xi mod jimmolestaw aktar lil PS 860 Keith Carauana.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------